

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar is-Sistemi tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni Personalni

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu)

(2016/C 463/10)

Din l-Opinjoni tesplora l-kunċett ta' teknoloġiji u ekosistemi li għandhom l-għan li jagħtu s-setħha lill-individwi biex jikkontrollaw il-kondiżjoni tad-data personali tagħhom ('sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni personali' jew 'PIMS' fil-qasir).

Il-viżjoni tagħna hija li noħolqu reallà ġidida fejn l-individwi jimmaniġġaw u jikkontrollaw l-identità onlajn tagħhom. L-għan tagħna hu li nittransformaw is-sistema centriska tal-fornitur attwali f'sistema centriska umana, fejn l-individwi jkunu protetti mill-iproċċessar illegali tad-data tagħhom u minn tekniki intrużivi ta' ttraċċar u pprofilar li għandhom l-għan li jevadu l-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-data.

Din ir-realtà l-ġidida se tīgi ffaċilitata bil-qafas regolatorju mmodernizzat tal-UE u l-possibbiltajiet offruti mill-infurzar konġunt vigoruż mill-awtoritajiet superviżorji u regolatorji rilevanti kollha.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data adottat riċentament (GDPR) isaħħaħ u jimmodernizza l-qafas regolatorju sabiex jibqa' effettiv fl-era tal-Big Data permezz tat-tisħiħ tal-fiduċja u l-kunfidenza ta' individwi onlajn u fis-Suq Uniku Diġitali. Ir-regoli l-ġodda, inklużi dawk dwar it-trasparenza miżjudha u drittijiet qawwija ta' aċċess u portabbiltà tad-data, iservu biex jippermettu lill-utenti iktar kontroll fuq id-data tagħhom, u jistgħu jgħinu wkoll biex jikkontribwixxu wkoll għal swieq iktar effiċċenti għal data personali, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozji.

Iktar riċentament, ħriġna Opinjoni dwar infurzar effettiv tad-drittijiet fundamentali fl-era ta' Big Data. Din tenfasizza l-kundizzjonijiet attwali tas-suq u prattiki tan-negozju li joħolqu ostakoli għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-individwi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom u drittijiet fundamentali oħra, u tappella għat-tisħiħ miftiehem u konsistenti tal-infurzar tal-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-ligġiżi tal-protezzjoni tad-data. Nisperaw li dan l-infurzar miżjud se jservi biex joħloq kundizzjonijiet tas-suq li fihom jistgħu jirnexxu s-servizzi favur il-privatezza. L-aproċċ f'din l-Opinjoni għandu l-għan li jsaħħaħ id-drittijiet fundamentali fid-dinja diġitali tagħna, fl-istess ħin li jinfetħu opportunitajiet ġodda għan-negozji biex jiżviluppaw servizzi bbażati fuq data personali innovativa miċċiġa fuq fiduċja reċiproka. Il-PIMS iwiegħdu li mhux biiss joffru arkitektura teknika ġidida u organizazzjoni għall-immaniġġjar tad-data, iż-żda wkoll oqfsa ta' fiduċja u, b'rīzultat ta' dan, mudelli ta' negozju alternativi għall-ġbir u l-iproċċessar tad-data personali fl-era ta' Big Data, b'mod iktar rispettabbli għad-dritt Ewropew tal-protezzjoni tad-data.

F'din l-Opinjoni, niddeskrivu fil-qosor x'inħuma l-PIMS u xi problemi huma maħsubin li jsolvu u kif. Imbagħad nanaliz-zaw kif jistgħu jikkontribwixxu għal protezzjoni aħjar ta' data personali u liema sfidi jaċċaċċaw. Fl-aħħar nett, nidentifiċċaw passi l-quddiem biex nibnu fuq l-opportunitajiet li joffru. Biex il-mudelli tan-negozju tal-protezzjoni tad-data jirnexxu, jistgħu jkunu meħtieġa incenċtivi addizzjonalni għall-fornituri tas-servizzi li joffruhom. B'mod partikolari, għandu jiġi esplorat liema inizjattivi tal-politiki jistgħu jimmotivaw lill-kontrolli tad-data biex jaċċettaw dan il-mod ta' forniment tad-data. Barra minn hekk, inizjattiva mis-servizzi pubbliċi biex il-PIMS jiġu aċċettati bħala sors tad-data, minnflok ġib tad-data dirett, tista' żżid massa kritika għall-aċċettazzjoni tal-PIMS.

Ix-xenarju emerġenti tal-PIMS, li għandu l-għan li jpgøġi lill-individwi u lill-konsumaturi lura fil-kontroll tad-data personali tagħhom, jixraqlu kunsiderazzjoni, appoġġ u iktar riċerka, bil-ħsieb li jikkontribwixxi għal użu sostenibbli u etiku ta' Big Data u għall-implementazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-GDPR adottat riċentament.

I. PIMS: IL-KONDIVIŻJONI TAD-DATA, IL-KONDIVIŻJONI TAL-BENEFIĊĊJI?

- Il-kundizzjonijiet attwali għall-iproċċessar tad-data personali ta' spiss huma ingħusti għall-individwi li d-data tagħhom hija pproċċessata. Il-kundizzjonijiet legali u l-għodod tekniċi jagħmluha diffiċċi għall-individwi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jippermettu lill-kontrolli jid-drittijiet tagħġidha. Is-sensara tad-data, in-netwerks tar-reklamar, il-fornituri tan-netwerks soċċali u atturi korporattivi oħra għandhom iktar minn qatt qabel fajls kompluti dwar individwi li qed jipparteċipaw fis-soċjetà diġitali tal-lum, u l-individwi qed jitilfu l-kontroll

fuq il-passi diġitali li dawn iħallu warajhom. Immirati, profilati u vvalutati minn atturi ta' spiss mhux fil-kontroll jew saħansitra lanqas fl-għarfien tagħhom, l-individwi jistgħu jħossuhom mitlufin u għandhom bżonn jiġu mogħtija s-setgħa biex jieħdu l-kontroll tal-identità tagħhom. Anke fejn formalment ingħataw xi forma ta' 'notifika' u opportunità biex 'jagħtu l-kunsens' għat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali, l-individwi ta' spiss isibu lilhom inni-fishom ġo sistema mfassla biex timminimizza l-monetizzazzjoni tad-data personali, li ma tħalli l-ebda għażla vera jew kontroll għall-individwi.

2. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Big Data (¹) tistabbilixxi pjan ta' azzjonijiet li b'mod konġunt jimmira lejn id-data personali u l-protezzjoni tal-konsumatur. B'mod speċifiku dan jinkoraġġixxi l-użu 'tal-ispazji tad-data personali' bħala cċentratu fuq l-utent, tal-postijiet siguri u bla periklu biex wieħed jaħżen u possibbilment jippermettu lill-ohrajin jaċċessaw id-data personali. Aħna tal-opinjoni li l-għodod digħiġi innovattivi u mudelli tan-negozju bbażati fuq l-emanċipazzjoni tal-individwi għandhom jiġu inkoraġġuti. Dawn jistgħu jippermettu lill-individwi jibbenefikaw minn din il-kondiviżjoni tad-data, jiġifieri jipparteċipaw fl-użu u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni personali tagħhom.
3. Fl-Opinjoni tagħna dwar 'Nilqgħu l-isfidi tal-Big Data' (²) sostnejna li għandna nikkomplementaw l-obbligu legali ta' kunsens effettiv b'kontroll reali u prattiku fuq l-informazzjoni personali. Aħna sostnejna li 'minflok piż amministrativ, il-provvediment tad-drittijiet ta' aċċess jista' jsir karatteristika tas-servizz pprovdut lill-konsumaturi', u li l-organizzazzjoni jibbażati fuq l-isfruttament 'tal-Big Data' għandhom 'ikunu ppreparati jaqsmu l-ġid maħluq mill-iproċċessar tad-data personali ma' dawk l-individwi li jipproċċessaw id-data tagħhom'. F'dan il-kuntest innutajna li 'l-imħażen tad-data personali jistgħu jgħiġ biex jindirizzaw xi fit mit-tħassib dwar it-telf tal-kontroll individwali fuq id-data personali'. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data adottat riċentament (GDPR) (³) saħħaħ ir-rekwiżiti legali għall-kunsens (⁴) u introduċa prinċipji effettivi u moderni tal-protezzjoni tad-data bi tfassil u bi stabbilizzazzjoni minn qabel (⁵), kif ukoll bħala dritt ġdid għall-portabbiltà tad-data (⁶). Sabiex il-qafas il-ġdid għall-protezzjoni tad-data jwassal il-wegħ-diet tiegħi, irridu għodod pratti li jippermettu lill-individwi li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod konvenjenti u faċċi għall-utenti.
4. Din l-Opinjoni tesplora teknoloġji u ekosistemi ġodda li għandhom l-għan li jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jikkontrollaw il-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data personali tagħhom. Aħna se nirreferu għal dan il-kunċett bħala 'sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni personali' (PIMS) (⁷). Il-kunċett tal-PIMS joffri approċċ ġdid li bih l-individwi huma d-detenturi tal-informazzjoni personali tagħhom stess. Dan jista' joħloq bidla fil-paradigma fil-ġestjoni u l-iproċċessar tad-data personali, b'konseguwenzi soċċjali u ekonomiċi. B'kuntrast, ix-xenarju attwali ta' servizzi onlajn huwa kkaratterizzat minn numru żgħiex ta' forniture tas-servizzi li jiddominaw is-suq billi jimmonetizzaw id-data personali tal-utenti bi skambju għal servizzi 'mingħajr flus'. Dan ta' spiss huwa akkumpanjat minn żbilanċ fil-poter, fejn il-konsumatur jispiċċa b'approċċ 'jew hekk jew xejn' u b'assimetrija tal-informazzjoni bejn il-forniture tas-servizzi u l-utenti, bi ftit jew xejn trasparenza għall-individwi dwar x qed jiġi mid-data personali tagħhom.
5. L-idea prinċipali wara l-kunċett tal-PIMS hija li tittrasforma s-sistema ċentrika tal-fornitur attwali, f'sistema cċen-trata fuq individwi li huma kapaċi jiġġestixxu u jikkontrollaw l-identità onlajn tagħhom (⁸). Fil-prinċipju, l-individwi għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu jekk u ma' min jaqsmu l-informazzjoni personali tagħhom, għal-liema skopijiet, għal kemm tul u biex isegwuha u jiddeċiedu li joħduha lura meta jkunu jixtiequ hekk. Huwa ta' min jesplora kif il-PIMS jistgħu jgħiġ jindirizzaw xi tħassib dwar it-telf tal-kontroll individwali fuq id-data personali li ġie enfasiz-zat bħala wieħed mit-tħassib prinċipali dwar il-Big Data (⁹).

(¹) Komunikazzjoni COM(2014)442 dwar ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/communication-data-driven-economy>.

(²) Opinjoni tal-KEPD 7/2015: https://secure.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2015/15-11-19_Big_Data_EN.pdf. Ara b'mod iktar speċifiku t-Taqsima 3.

(³) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fizże fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(⁴) Ara inter alia l-Artikoli 6(1)(a), 7 u 8 u l-premessi 42-43 tal-GDPR.

(⁵) l-Artikolu 25 tal-GDPR.

(⁶) l-Artikolu 20 tal-GDPR.

(⁷) Il-kunċetti relatati jinkludu 'imħażen tad-data personali', 'spazji tad-data personali' jew 'kmamar tas-sigurtà tad-data personali.' F'din l-Opinjoni se nużaw it-terminu 'PIMS', peress li jidher l-aħjar biex jiddeskrivi l-kunċett b'mod ġenerali u faċċi biex jinftiehem. Kif użata f'din l-Opinjoni, l-abbrevjazzjoni 'PIMS' tista' tirreperi kemm għall-forma singolari kif ukoll dik plurali: sistema tal-ġestjoni tal-informazzjoni personali jew sistemi tal-ġestjoni tal-informazzjoni personali.

(⁸) Ara l-premessa 7 tal-GDPR: 'Il-persuni fizżei għandu jkollhom kontroll fuq id-data personali tagħhom stess'. Ara wkoll, pereżempju, Doc Searls, *The Intention Economy: When Customers Take Charge (L-Ekonomija Intenzjonata: Meta l-Konsumaturi Jieħdu Kontroll)* (Boston: Harvard Business Review Press, 2012).

(⁹) Ara, eż. Ira S. Rubinstein, *Big Data: The End of Privacy or a New Beginning? (It-Tmiem tal-Privatezza jew Bidu ġdid?)* International Data Privacy Law, (Il-Liġi Internazzjonali dwar il-Privatezza tad-Data) 2013, Vol 3, Nru 2.

6. Dan l-aproċċ għandu l-għan li jsahħħa id-drittijiet fundamentali fid-din jaġi d-diġitali tagħna, fl-istess ħin li jinfetħu opportunitajiet ġodda għan-negozji biex jiżviluppaw servizzi bbażati fuq data personali innovattiva mibnija fuq fiduċja reċiproka. Il-PIMS iwiegħdu li joffru organizzazzjoni u arkittura teknika ġiddiha għall-ġestjoni tad-data li jibnu oqfsa ta' fiduċja. Jisperaw li jippermettu mudelli alternattivi ta' negozju għall-għbir u l-ipproċċesar tad-data personali fl-era tal-Big Data, li jsir hekk b'mod iktar rispettu għad-dritt Ewropew tal-protezzjoni tad-data.

7. F'din l-Opinjoni, niddeskrivu fil-qosor x'inhuma l-PIMS, liema problemi huma maħsubin li jsolvu u kif (¹). Nanaliz-zaw kif jistgħu jikkontribwixxu għal protezzjoni aħjar ta' data personali u liema sfidi jaffaċċjaw. Fl-aħħar nett, nidentifikaw passi 'l-quddiem niex nibnu fuq l-opportunitajiet li joffru.

IV. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

4.1. Lejn l-applikazzjoni bis-sħiħ tal-GDPR - opportunitajiet

54. Kif innutat hawn fuq, il-leġiżlatur tal-UE riċentament adotta pakkett ta' riforma dwar il-protezzjoni tad-data li jsah-ħaħ u jimmmodernizza l-qafas regolatorju sabiex jibqa' effettiv fl-era tal-Big Data.

55. Il-GDPR il-ġdid, inklużi regoli dwar it-trasprenza miżjudha, u drittijiet qawwija ta' aċċess u portabbiltà tad-data, għandu jgħin biex jagħti lill-individwi iktar kontroll fuq id-data tagħhom, u jista' jikkontribwixxi wkoll għal swieq iktar effiċċenti għad-data personali, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozji bl-istess mod.

56. Il-kodiċijiet tal-kondotta u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni kif previsti mill-GDPR huma strumenti privileġġjati biex jagħtu viżżeppi speċifika u rwol għat-tekhnoloġija u prodotti li - bħall-PIMS - jistgħu jservu biex jimplimentaw b'mod iktar effettiv il-liġi tal-protezzjoni tad-data fil-livell prattiku.

57. Madankollu, il-PIMS jaffaċċċaw id-diffikultà predominant tal-penetrażżjoni ta' suq iddominat mis-servizzi onlajn abbażi ta' mudelli tan-negozju u arkitturri tekniċi fejn l-individwi ma jkollhom il-kontroll tad-data tagħhom, kif spjegat fit-Taqsima 3.9. Iċ-ċaqliq lejn sitwazzjoni fejn l-individwi jkollhom il-possibbiltà li jagħtu aċċess lill-fornitur tas-servizz għal xi data fil-PIMS tagħhom, minflok li jipprovd u d-data direttament lill-fornitur tas-servizzi, jeħtieġ incenċivi addizzjonal għall-fornituri tas-servizzi. Il-Kummissjoni tista' tuża l-inizjattivi li ħabbret fuq il-flussei tad-data u s-sjieda tad-data (²) biex tesplora liema inizjattivi tal-politiki addizzjonal jistgħu jimmotivaw il-kontrol-luri tad-data biex jaċċettaw dan il-mod tal-forniment tad-data. Barra minn hekk, inizjattiva mis-servizzi pubbliċi tal-eGovernment biex il-PIMS jiġi aċċettati bħala sors tad-data, minflok ġbir tad-data dirett, tista' żżid massa kritika għall-aċċettazzjoni tal-PIMS.

58. Din l-analiżi tista' tiġi kkomplementata minn miżuri li għandhom l-għan li jistabbilixxu pedamenti tekniċi, soċjali u ekonomiċi, inklużi sforzi ta' standardizzazzjoni, incenċivi ekonomiċi u t-trawwim ta' proġetti pilota u riċerka.

59. L-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, u proġetti kkofinanzjati minnhom, huma l-ewwel postijiet fejn għandha tiġi ttestjata, imrawma u nisperaw imwettqa, din il-bidla fil-perspettiva.

4.2. Nappoġġjaw il-PIMS u t-teknoloġija sottostanti lejn protezzjoni tad-data effettiva

60. Regolazzjoni tajba, filwaqt li hija kruċjali, mhix biżżejjed waħedha. Kif iddiċċi jekk id-Opinjoni tagħna dwar 'Nilhq l-is-fidi tal-Big Data' (³), kumpaniji u organizzazzjoni jipprew id-diretti u jagħmlu ħafna sforz biex isibu modi innovattivi biex jagħmlu użu minn data personali, għandhom jużaw l-istess mentalità innovattiva meta jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.

(¹) Ara, pereżempju, ir-rapport dwar l-Imħażen tad-Data Personalni abbozzat mill-Università ta' Cambridge għall-Kummissjoni Ewropea: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/study-personal-data-stores-conducted-cambridge-university-judge-business-school>.

(²) Komunikazzjoni: Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea - Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Digideli http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-1409_en.htm.

(³) Opinjoni tal-KEPD 7/2015, imsemmija hawn fuq.

61. Il-kontribut tat-teknoloġija fil-mudell tal-PIMS huwa fundamentali. Il-PIMS jistgħu jservu biex jit-testjaw il-protezzjoni tad-data permezz ta' approċċi ta' disinn u teknoloġiji li jappoġġiawhom. Is-suġġetti rilevanti ta' riċerka, fejn ikun meħtieġ appoġġ u investiment adegwat jinkludu: ġestjoni tal-identità interoperabbi u favur il-privatezza; mekkaniżmi tal-awtorizzazzjoni; interoperabbiltà tad-data; sigurtà tad-data; u mekkaniżmi għall-infurzar awtomatiku 'tal-kuntratti' stabbiliti bejn l-individwi u partijiet oħra. Dan kollu jiġi ingranat permezz tal-kriptografija u l-kriptaqgħ u jingħata spinta mid-disponibbiltà skarsa tas-setgħha tal-kompjuter. Appoġġ deċiżiv minn dawk li jfasslu l-politika, bħall-Kummissjoni, għar-riċerka applikata u bażika fdawn l-oqsma tat-teknoloġija huwa meħtieġ f'din il-fażi inizjali sabiex ma jintil fuq l-opportunitajiet attwali.
62. Sabiex jiġu mrawma r-riċerka u l-iżvilupp u l-iskjerament għas-suq fil-qasam tal-PIMS, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tippjana għal sinergi possibbli ma' oqsma oħra tal-istratgeġja tas-Suq Diġitali Uniku, bħall-Cloud Computing u l-Internet tal-Oġġetti. B'dan il-mod, jistgħu jitwettqu proġetti pilota biex ifasslu u jit-testjaw l-interazzjoni tas-servizzi cloud u l-IoT mal-PIMS.

4.3. Kif il-KEPD se jgħib 'il quddiem dan id-dibattitu

63. Il-KEPD għandu l-għan li jikkontribwixxi biex irawwem l-isforzi privati u pubbliċi fid-direzzjoni deskritta hawn fuq. Aħna se nkomplu niffaċilitaw id-diskussionijiet, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti/sessionijiet ta' ħidma, pereżempju, bil-ħsieb li jidtentifikaw, jinkoragħi x Xu u jipprovvu l-aħjar prattika biex iżidu t-trasparenza u l-kontroll tal-utenti u jesploraw l-opportunitajiet offruti mill-PIMS. Aħna se nkomplu niffaċilitaw ukoll ix-xogħol tan-Netwerk tal-Inġinerijs tal-Privatezza tal-Internet (IPEN) bħala hub ta' għarfien interdixxipplinarju għall-esperti tal-privatezza u l-inġiniera. F'dan il-kuntest, se nibqgħu nipprovdu pjattaforma għall-iż-żviluppaturi u l-promoturi tal-PIMS biex jibbenifikasi minn skambji ma' speċjalisti f'teknoloġiji oħra u fil-protezzjoni tad-data.

Magħmul f'Marrakesh, l-20 ta' Ottubru 2016.

Giovanni BUTTARELLI

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data